**Emenda 7**
**David Martin, Roberto Gualtieri**
f'isem il-Grupp S&D
**Rafał Trzaskowski, Rainer Wieland**
f'isem il-Grupp PPE
**Anneli Jäätteenmäki, Andrew Duff**
f'isem il-Grupp ALDE
**Gerald Häfner**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A7-0352/2011**
**David Martin**
Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew li jissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 (95/167/KE, Euratom, KEFA)
2009/2212(INI)

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1**

| *Proposta għal regolament* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament jistipula dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt tal-Parlament Ewropew, fit-twettiq ta' dmirijietu, li jinvestiga allegazzjonijiet ta' ksur jew amministrazzjoni ħażina fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni. | 1. Dan ir-Regolament jistipula dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt tal-Parlament Ewropew, fit-twettiq ta' dmirijietu, li***, bla preġudizzju għas-setgħat konferiti mit-Trattati lil istituzzjonijiet jew entitajiet oħra,*** jinvestiga allegazzjonijiet ta' ksur jew amministrazzjoni ħażina fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni ***min istituzzjoni jew entità tal-Unjoni, minn korp amministrattiv pubbliku ta' Stat Membru jew minn persuna inkarigata mil-liġi tal-Unjoni li timplimenta dik il-liġi***. |
| 2. Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet li jiggvernaw l-organizzazzjoni interna ***tal-Parlament Ewropew fir-Regoli ta' Proċedura tiegħu***. | 2. Għandhom jiġu stabbiliti ***fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew*** dispożizzjonijiet li jiggvernaw l-organizzazzjoni interna ***tal-kumitati ta' inkjesta***. |

Or. en

**Emenda 8**
**David Martin, Roberto Gualtieri**
f'isem il-Grupp S&D
**Rafał Trzaskowski, Rainer Wieland**
f'isem il-Grupp PPE
**Anneli Jäätteenmäki, Andrew Duff**
f'isem il-Grupp ALDE
**Gerald Häfner**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A7-0352/2011**
**David Martin**
Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew li jissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 (95/167/KE, Euratom, KEFA)
2009/2212(INI)

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4**

| *Proposta għal regolament* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Kumitat ta' inkjesta *temporanju* ma għandux jiġi kkostitwit jew stabbilit mill-ġdid fir-rigward ta' fatti diġà investigati minn kumitat ta' inkjesta qabel *l-iskadenza ta' terminu ta'* mill-inqas 12-il xahar ***mis-sottomissjoni tar-rapport fuq dik l-inkjesta jew il-konklużjoni tal-mandat*** tal-kumitat ta' inkjesta ta' qabel ***u*** sakemm ma jkunux tfaċċaw fatti ġodda. Jista' jiġi stabbilit kumitat fi kwalunkwe każ fejn ikunu tfaċċaw fatti ġodda u serji li jiġu kkunsidrati tali li jibdlu l-konstatazzjonijiet sostantivi. | Kumitat ta' inkjesta ma għandux jiġi kkostitwit jew stabbilit mill-ġdid fir-rigward ta' fatti diġà investigati minn kumitat ta' inkjesta qabel *ma jkunu għaddew* mill-inqas 12-il xahar ***minn meta ntemmet l-eżistenza*** tal-kumitat ta' inkjesta ta' qabel ***skont il-punt (a) jew il-punt (b) tal-Artikolu 3,*** sakemm ma jkunux tfaċċaw fatti ġodda. Jista' jiġi stabbilit kumitat fi kwalunkwe każ fejn ikunu tfaċċaw fatti ġodda u serji li jiġu kkunsidrati tali li jibdlu l-konstatazzjonijiet sostantivi. |

Or. en


Magħquda fid-diversità

21.5.2012 A7-0352/9

**Emenda 9**
**David Martin, Roberto Gualtieri**
f'isem il-Grupp S&D
**Rafał Trzaskowski, Rainer Wieland**
f'isem il-Grupp PPE
**Anneli Jäätteenmäki, Andrew Duff**
f'isem il-Grupp ALDE
**Gerald Häfner**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A7-0352/2011**
**David Martin**
Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew li jissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 (95/167/KE, Euratom, KEFA)
2009/2212(INI)

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5**

| *Proposta għal regolament* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***L-ebda*** kumitat ta' inkjesta ***m'għandu jitwaqqaf fejn il-fatti*** allegati jkunu qed jiġu eżaminati quddiem qorti ***u waqt li l-każ*** ikun għadu suġġett għal *proċeduri* legali; | 1. Kumitat ta' inkjesta ***ma jistax jinvestiga fatti*** allegati ***li*** jkunu qed jiġu eżaminati quddiem qorti ***sakemm il-każ*** ikun għadu suġġett għal *proċedimenti* legali; |
| 2. Jekk wara t-twaqqif ta' kumitat ta' inkjesta jiġu inizjati *proċeduri* legali ***dwar suġġett identiku***, il-Parlament Ewropew għandu ***jiddeċiedi*** jekk ***jissospendix*** l-investigazzjoni tal-kumitat. | 2. Jekk wara t-twaqqif ta' kumitat ta' inkjesta jiġu inizjati *proċedimenti* legali ***relatati mal-fatti allegati***, il-Parlament Ewropew għandu ***jeżamina*** jekk ***ikunx jeħtieġ li jissospendi*** l-investigazzjoni tal-kumitat ***għal kemm idumu dawk il-proċedimenti bi qbil mal-Artikolu 226 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***. |
| ***Talba għal dan tista' tiġi sottomessa minn Stat Membru, il-Kummissjoni jew persuna involuta direttament jew individwalment fl-inkjesta.*** | |
| Il-perjodu tas-sospensjoni m'għandux jitkejjel fiż-żmien imsemmi fl-Artikolu | Il-perjodu tas-sospensjoni m'għandux jitkejjel fiż-żmien imsemmi fl- |


Magħquda fid-diversità

2(3), punt (c).

Artikolu 2(3), punt (c).

***2a. Fi żmien xahrejn minn meta jiġi stabbilit kumitat ta' inkjesta jew minn meta l-Kummissjoni tiġi infurmata b'allegazzjoni li tkun saret quddiem kumitat ta' inkjesta temporanju dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni minn Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tinnotifika lill-Parlament Ewropew li materja li għandu jeżamina l-kumitat ta' inkjesta għandha tkun is-suġġett ta' proċediment ta' prelitigazzjoni tal-Unjoni; f'każijiet bħal dawn, il-kumitat ta' inkjesta għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jippermetti li l-Kummissjoni tkun tista' teżerċita s-setgħat konferiti lilha mit-Trattati.***

Or. en

**Emenda 10**
**David Martin, Roberto Gualtieri**
f'isem il-Grupp S&D
**Rafał Trzaskowski, Rainer Wieland**
f'isem il-Grupp PPE
**Anneli Jäätteenmäki, Andrew Duff**
f'isem il-Grupp ALDE
**Gerald Häfner**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A7-0352/2011**
**David Martin**
Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew li jissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 (95/167/KE, Euratom, KEFA)
2009/2212(INI)

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6**

| *Proposta għal regolament* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-proċeduri tal-kumitat ta' inkjesta, u b'mod partikolari s-seduti ta' smigħ tal-kumitat, għandhom isiru fil-pubbliku. | 1. Il-proċeduri tal-kumitat ta' inkjesta, u b'mod partikolari s-seduti ta' smigħ tal-kumitat, għandhom isiru fil-pubbliku. |
| 2. B'eċċezzjoni, il-proċeduri jistgħu isiru in camera jekk dan jintalab minn kwart tal-membri tal-kumitat ta' inkjesta, minn istituzzjoni jew entità tal-Unjoni jew mill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati. ***Ix-xhieda u l-esperti jistgħu, jekk jitolbu dan, jinstemgħu*** in camera. | 2. B'eċċezzjoni, il-proċeduri jistgħu isiru in camera jekk dan jintalab minn kwart tal-membri tal-kumitat ta' inkjesta, minn istituzzjoni jew entità tal-Unjoni jew mill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati. ***Jekk persuna li tkun qed tixhed jew espert titlob/jitlob smigħ*** in camera***, il-kumitat ta' inkjesta għandu jikkunsidra t-talba u r-raġunijiet allegati għaliha in camera.*** |
| Informazzjoni ***meqjusa bħala*** kunfidenzjali***, kif previst*** fl-Artikolu 7***,*** għandha tiġi studjata in camera. | Informazzjoni kunfidenzjali kif ***imsemmija*** fl-Artikolu 7 għandha tiġi studjata in camera. |
| ***3. Il-kumitat ta' inkjesta għandu jinforma lil kwalunkwe persuna msemmija tul l-inkjesta li għaliha dan jista' jkun ta' ħsara; jekk il-persuna titlob li tinstema', il-kumitat għandu jismagħha.*** | *(Nota: għal raġunijiet ta' tfassil, huwa ssuġġerit li dan il-paragrafu jsir Artikolu separat.)* |


Magħquda fid-diversità

Or. en

**Emenda 11**
**David Martin, Roberto Gualtieri**
f'isem il-Grupp S&D
**Rafał Trzaskowski, Rainer Wieland**
f'isem il-Grupp PPE
**Anneli Jäätteenmäki, Andrew Duff**
f'isem il-Grupp ALDE
**Gerald Häfner**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A7-0352/2011**
**David Martin**
Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew li jissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 (95/167/KE, Euratom, KEFA)
2009/2212(INI)

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6a (ġdid)**

| *Proposta għal regolament* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 6a*** |
| | ***Persuni msemmija tul inkjesta*** |
| | ***Il-kumitat ta' inkjesta għandu jinforma lil kwalunkwe persuna msemmija tul l-inkjesta li għaliha dan jista' jkun ta' ħsara; jekk il-persuna titlob li tinstema', il-kumitat għandu jismagħha.*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

21.5.2012 A7-0352/12

**Emenda 12**
**David Martin, Roberto Gualtieri**
f'isem il-Grupp S&D
**Rafał Trzaskowski, Rainer Wieland**
f'isem il-Grupp PPE
**Anneli Jäätteenmäki, Andrew Duff**
f'isem il-Grupp ALDE

**Rapport** **A7-0352/2011**
**David Martin**
Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew li jissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 (95/167/KE, Euratom, KEFA)
2009/2212(INI)

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7**

| *Proposta għal regolament* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-informazzjoni miksuba mill-kumitat ta' inkjesta għandha tintuża biss għat-twettiq tad-doveri tiegħu. Ma tistax tiġi żvelata jekk tkun tinkludi fiha materjal ta' natura kunfidenzjali. Informazzjoni kunfidenzjali għandha tiġi trattata u mħarsa mill-Parlament Ewropew f'konformità ***mal-istandards minimi komuni tas-sigurtà applikati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni***. | 1. L-informazzjoni miksuba mill-kumitat ta' inkjesta għandha tintuża biss għat-twettiq tad-doveri tiegħu. Ma tistax tiġi żvelata jekk tkun tinkludi fiha materjal ta' natura kunfidenzjali. Informazzjoni kunfidenzjali għandha tiġi trattata u mħarsa mill-Parlament Ewropew f'konformità ***mar-regoli interni tiegħu aplikabbli għal-"informazzjoni klassifikata tal-UE" u għal "informazzjoni oħra kunfidenxzjali" mhux klassifikata"***. |
| 2. Il-Paragrafu 1 japplika għal informazzjoni li l-iżvelar ***tagħha jdgħajjef jew il-ħarsien*** tal-privatezza u tal-integrità ta' individwu, b'mod partikolari rigward leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali, jew interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluża proprjetà intellettwali. | 2. Il-Paragrafu 1 japplika għal informazzjoni li l-iżvelar tagħha: |
| | ***(a) jimmina l-protezzjoni*** tal-privatezza u tal-integrità ta' individwu, b'mod partikolari rigward leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali, jew |

***(b) jimmina*** l-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluża l-proprjetà intellettwali***, jew***

***(c) jikkawża preġudizzju sinifikanti għall-interessi tal-Unjoni jew għal dawk ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri.***

***3. Il-membri tal-kumitat ta' inkjesta temporanju u kwalunkwe persuna oħra li, minħabba dmirijiethom, ikunu saru jafu fatti, informazzjoni, għarfien, dokumenti jew oġġetti li dwarhom għandha tinżamm is-segretezza skont id-dispożizzjonijiet adottati minn Stat Membru jew minn istituzzjoni tal-Unjoni għandu jkollhom l-obbligu li, anki wara li dmirijiethom ikunu ntemmew, iżommu s-sigriet minn kwalunkwe persuna mhux awtorizzata u mill-pubbliku.***

Or. en

21.5.2012 A7-0352/13

**Emenda 13**
**David Martin, Roberto Gualtieri**
f'isem il-Grupp S&D
**Rafał Trzaskowski, Rainer Wieland**
f'isem il-Grupp PPE
**Anneli Jäätteenmäki, Andrew Duff**
f'isem il-Grupp ALDE
**Gerald Häfner**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A7-0352/2011**
**David Martin**
Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew li jissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 (95/167/KE, Euratom, KEFA)
2009/2212(INI)

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8**

| *Proposta għal regolament* | *Emenda* |
|---|---|
| L-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Unjoni għandhom ***jiżguraw li l-membri u l-persunal tagħhom jagħtu l-għajnuna meħtieġa sabiex il-kumitat*** ta' inkjesta ***jkun jista' jwettaq il-ħidma*** tiegħu; | L-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Unjoni ***u l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, filwaqt li jaġixxu skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali,*** għandhom ***jassistu lill-kumitat*** ta' inkjesta ***fil-qadi tal-kompiti*** tiegħu ***bi qbil mal-prinċipju tal-kooperazzjoni sinċiera***; |
| ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali, jagħtu l-appoġġ meħtieġ sabiex il-kumitat ta' inkjesta jkun jista' jwettaq ħidmietu.*** | |

Or. en

21.5.2012 A7-0352/14

**Emenda 14**
**David Martin, Roberto Gualtieri**
f'isem il-Grupp S&D
**Rafał Trzaskowski, Rainer Wieland**
f'isem il-Grupp PPE
**Anneli Jäätteenmäki, Andrew Duff**
f'isem il-Grupp ALDE
**Gerald Häfner**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A7-0352/2011**
**David Martin**
Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew li jissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 (95/167/KE, Euratom, KEFA)
2009/2212(INI)

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9**

| *Proposta għal regolament* | *Emenda* |
|---|---|
| Kwalunkwe komunikazzjoni indirizzata lill-awtoritajiet nazzjonali ***jew lill-qrati*** tal-Istati Membri għall-iskopijiet tal-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament għandhom isiru permezz tar-Rappreżentanzi Permanenti tal-Unjoni Ewropea. | Kwalunkwe komunikazzjoni indirizzata lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri għall-iskopijiet tal-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament għandhom isiru permezz tar-Rappreżentanzi Permanenti tal-Unjoni Ewropea. |

Or. en